MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 575/1998/1

**Aluminium Limited**

**vs**

**Earli Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili illi permezz taghha s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet illi hija propjetarja tal-fond 99/10, già 48/49, Birbal Street, Balzan; illi s-socjetà konvenuta hija propjetarja tal-fond attigwu mal-propjetà tas-socjetà attrici, u ghamlet uzu mill-hajt divizorju propjetà ta' l-istess

socjetà attrici; illi skond stima tal-perit annessa u mmarkata Dok. A, hija dovuta lis-socjetà attrici bhala kumpens ghall-appogg, art u spejjez relattivi mal-istess, is-somma ta’ elfejn tmien mija sebgha u tmenin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm2887.74); illi nterpellata sabiex thallas u dana anke permezz ta’ ittra ufficjali, is-socjetà konvenuta baqghet inadempjenti; talbet ghaliex is-socjetà konvenuta m’ghandhiex tigi kundannata thallas is-somma indikata ta’ Lm2887.74 flimkien ma’ l-interessi legali fuq l-istess somma mit-22 ta’ Dicembru 1997, sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Dicembru 1997, u r-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta huma ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, konfermata bil-gurament minn Gerome Licari, il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit relattiv;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

Fl-ewwel lok il-karenza ta’ interess giuridiku da parte tas-socjetà attrici fl-azzjoni istitwita minnha;

Fit-tieni lok u bla pregiudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16;

Fit-tielet lok u bla pregiudizzju ghall-premess, illi l-ammont mitlub hu ferm esagerat;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, konfermat bil-gurament minn Edward Licari, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sitta (6) ta’ Ottubru, 1999 illi permezz taghha l-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta bl-ispejjez kontra taghha;

Rat is-sentenza moghtija mill-istess Qorti fit-tlieta (3) ta' Ottubru, 2000 illi permezz taghha iddecidiet hekk:

"… tichad it-talbiet attrici, u tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjetà konvenuta, u tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16;

"Bl-ispejjez, hlief ghal dawk già decizi fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1999, a karigu tas-socjetà attrici";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Illi l-azzjoni odjerna saret sabiex is-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici kumpens ghall-appogg, art u spejjez relattivi mal-istess fis-somma ta' Lm2887.74 skond kont redatt mill-perit arkitett Tano Zammit datat 28 ta' Lulju 1997 (Dok. A a fol 4), f'liema kont hemm inkluz apparti x-xoghol ta' kostruzzjoni, ukoll stima tal-prezz tal-art li nbena fuqu l-appogg;

"Illi dan ifisser li s-socjetà attrici originarjament bniet l-istess hajt fuq il-proprjetà taghha, u dan huwa wkoll ikkonfermat mid-dikjarazzjoni tal-perit fic-certifikat minnu rrilaxxat li sostna illi '*l-appogg inbena kollu fil-konfini tal-proprjetà numru 48/49, Triq Birbal, Balzan, u mis-sidien ta' din l-art*'. Dan huwa wkoll ikkonfermat minn Victor Licari li fl-affidavit tieghu a fol 47 tal-process sostna illi: '*l-bini tal-fabbrika jasal ezatt ma' din il-plot u l-hajt li hemm jiddividi dawn iz-zewg propjetajiet huwa dobblu u mibni interament fuq l-art tal-fabbrika*';

"Illi dan il-punt bl-ebda mod ma gie ikkontestat mis-socjetà konvenuta, u ghalhekk din il-Qorti ser tiehu bhala ppruvata l-allegazzjoni attrici, li l-hajt ta' l-appogg mertu tal-kawza odjerna gie mibni originarjament interament fuq il-propjetà tas-socjetà attric[i], tant li din il-kawza qed issir sabiex l-istess socjetà attrici tithallas ghad-dritt ta' l-appogg, prattikat mis-socjetà konvenuta fuq l-istess hajt jew l-awturi taghha;

"Illi dwar il-punt, meta gie pprattikat l-istess dritt ta' l-appogg, fejn [hemm?] kontestazzjoni bejn il-partijiet fil-

kawza, stante li s-socjetà attrici donna qed tghid li tali appogg gie prattikat fis-sena 1994 u cioè f'inqas minn erbgha (4) snin mid-data tal-presentata tac-citazzjoni attrici fit-2 ta' Marzu 1998;

"Illi din l-asserzjoni saret minn Jerome Licari meta sostna li l-appogg gie utilizzat minn Edward Licari ghan-nom tas-socjetà attrici fin-1994, ghaliex wahhal l-i*spot lights*, *alarm*, imsiemer u fidiferru w inbniet ukoll kamra maghha fuq quddiem. Jigi rilevat li l-istess xhud, ma setghax jghid jekk tali hajt tal-appogg giex utilizzat qabel ghaliex skond hu ma setghax jara fuq in-naha l-ohra tal-propjetà. Però sostna wkoll li dawn ix-xogholijiet saru meta nbniet id-dar tas-socjetà attrici, tant li sostna '*dak iz-zmien l-ewwel inbniet id-dar u imbaghad spiccaw il-gnien u l-faccata … u mbaghad bdejt nara anki l-affarijiet minn got-triq wahlu mal-hajt*' (fol. 63); u kompla '*ix-xoghol dak iz-zmien sar wara li gew biex jiffinalizzaw il-binja kollha*';

"Illi meta skond din ix-xhieda tali oggetti mal-hajt twahhlu, kif l-istess Edward Licari lesta l-bini tad-dar tieghu, skond ix-xhieda fin-1994;

"Illi però mill-provi prodotti jirrizulta li l-art kontigwa ghall-hajt tal-appogg giet mibnija hafna snin qabel, proprju meta gie wkoll prattikat id-dritt tal-appogg mertu tal-kawza odjerna, u dan jirrizulta kompletament ippruvat u kkorroborat mix-xhieda ta' Joseph Vassallo tas-6 ta' Lulju 2000, li ghan-nom ta' V.B. Developments Limited, kienet il-persuna li bniet id-dar tas-socjetà konvenuta, li sostna li gie nkarigat jaghmel dan ix-xoghol ta' kostruzzjoni f'Gunju 1989, u x-xoghol gie terminat f'Gunju 1991 (fol 72) u thallas l-ahhar pagament tal-istess xoghol fis-7 ta' Awissu 1991 kif tindika l-ircevuta No 01366 (Dok JV) a fol 69 tal-process, jikkonferma l-istess tezi hija x-xhieda ta' Edward Licari, li sostna li ghan-nom tas-socjetà konvenuta huwa inkariga lis-socjetà appena citata sabiex taghmel l-kostruzzjoni tad-dar tieghu, u l-appogg gie prattikat f'dak iz-zmien tal-istess kostruzzjoni, anke ghaliex wara ma sarx xoghol izjed, hlief li mikrija [?] lil Zaren Bezzina u Joe Muscat li bajdu u in parti kahlu l-appogg kollhu u dawn ukoll thallsu f'Awissu 1992, kif jirrizulta mill-ircevuta datata

24 ta’ Awissu 1992 (Dok EL1) a fol 70 tal-process. Sostna wkoll li dwar l-appogg Victor Licari ghan-nom tas-socjetà attrici kellmu fin-1992, ftit wara li nbniet id-dar;

“Illi però mix-xhieda ta’ Victor Licari li kien direttur ta’ Licari Estates u Combined Industries Limited, jirrizulta li huwa stess sostna li l-bini tad-dar okkupata minn Edward Licari sar xi ‘8 jew 9 snin’ qabel id-data tal-affidavit tieghu tal-10 ta’ Marzu 2000 (fol 46) u sostna wkoll li huh kien avvicinah biex jghidlu li l-bini tal-*front garden* tieghu kien ser isir fuq parti mill-parapett tal-fabrika u huwa ma oggezzjonax. Dan ifisser li l-appogg sar fin-1991 u 1992. Illi ma huh dwar il-hlas tal-appogg tkellem biss fin-1994 u wara ma tkellimx aktar dwar dan il-punt. Din it-tezi ta’ Victor Licari, tikkombaccja perfettament ma dak li qed issostni s-socjetà konvenuta, li d-dritt ta’ appogg gie prattikat fin-1991/1992 u certament mhux fis-sena 1994, kif allega Jerome Licari;

“Illi stabilit dan jibqa’ li jigi deciz jekk il-preskrizzjoni applikabbli hijiex dik eccepita mis-socjetà konvenuta *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16, li hija preskrizzjoni ta’ hames (5) snin ghal kull kreditur [*recte*: kreditu] iehor li gej minn hwejjeg ohra, meta l-kreditur ma jkunx ghadu waqa’ taht preskrizzjoni eqsar, jew ma jirrizultax minn att pubbliku;
“Illi fil-gurisprudenza nostrali dejjem saret id-dofferenza bejn id-dritt innifsu tal-appogg, li huwa dritt reali, u d-dritt tal-azzjoni tal-hlas tal-istess;

“Illi gie konsistentement ritenut hlief ghal xi eccezzjoni, li la darba l-hlas tal-appogg ma jistax jigi kkunsidrat bhala prezz, izda ‘*un compenso, un equivalente o una indemnità per la cosa tolta al proprietario della stessa*’ (**Busuttil vs Vella** - 11 ta’ Frar 1931 - XXVIII.ii.35);

“Illi stabbilit il-premess, minn dawn johorgu s-segwenti principji segwiti fis-sentenza **Teresa Schembri vs Joseph Delia** (AC 7 ta’ Marzu 1984):

(a) Li l-gar ghandu l-fakoltà jirrendi komuni l-istess hajt u jappoggja mieghu;

(b) Illi sabiex jaghmel dan, is-socjetà konvenuta ma ghandiex bzonn il-kunsens preventiv tal-awtur tas-socjetà attrici;

(c) Illi bil-fatt stess tal-kostruzzjoni mis-socjetà konvenuta, din akkwistat il-komunjoni ta' dak il-hajt, u ghalhekk minn mindu s-socjetà konvenuta appogjat mal-hajt, inholoq favur is-socjetà attrici, jew l-awtur taghha, il-kreditu ghall-hlas ta' dak l-appogg u kontra l-appellat l-obbligu biex jissodosfa dan il-hlas;

(d) Illi ghalhekk a bazi ta' dan, fl-istess sentenza inghad illi a bazi tal-premess u konformement mal-gurisprudenza l-aktar ricenti, hija tal-fehma li d-dritt ta' sid il-hajt ghall-kumpens, li jinhareg malli l-vicin ipoggi l-bini tieghu mal-hajt, huwa dritt presenti [*recte*: personali] u ghalhekk applikat il-preskrizzjoni ta' hames (5) snin;

"Illi a bazi tal-istess principji inghatat ukoll is-sentenza **Charles Micallef vs Paul Pisani** deciza fis-7 ta' Ottubru 1997 (AC citaz nru 929/94) fejn gie deciz illi anke fil-kaz ta' azzjoni ghall-hlas ta' appogg fis-sens <u>strett tal-kelma meta allura l-hajt kien gie mibni jmiss mal-linja medjana</u> u kostruwit kollu fuq il-propjetà tal-gar, tali azzjoni kienet meqjusa bhala wahda ta' natura personali u mhux ta' natura reali avolja f'dawk il-kazijiet il-gar kien qieghed bl-uzu tal-hajt komuni jakwista l-koproprjetà tal-istess hajt fl-interess tieghu appena jhallas nofs il-valur tieghu u ta' l-art sotostanti dak in-nofs. '*Din il-Qorti fid-dawl ta' dak kollu li gie premess u konformament mal-gurisprudenza l-aktar recenti hija tal-fehma li d-dritt ta' sid il-hajt ghall-kumpens li jinholoq malli l-vicin ipoggi l-bini tieghu mal-hajt huwa dritt personali*' (**Schembri vs Delia** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 1984). Ghal dik ix-xorta ta' azzjoni allura tkun ukoll applikabbli l-preskrizjoni kwinkwinali estintiva tal-azzjoni a tenur tas-subinciz (f) ta' l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili;

"Illi huwa interessanti li jigi kkunsidrat li din is-sentenza ghandha din l-affermazzjoni a bazi ta' dak li gie deciz fis-sentenza **Emanuel Mizzi vs Carmelo Debono** (AG 22 ta' Marzu 1991) fejn kien gie dikjarat li sabiex issir l-azzjoni *ai*

*termini* tal-Artikolu 418 - kif *di più* qed isir f'din l-azzjoni - din tapplika biss meta '*l-hajt kien gie mibni jmiss mal-linja medjana u kostruwit fuq il-propjetà tal-gar*';

"Din l-istess tenuta giet ukoll ikkonfermata fis-sentenza **Francis Borg vs Il-Perit Joseph Borg et** (PA (M) 19 ta' April 1989, LXXIII.iii.781) u hija konsistenti mal-principju ribadit fis-sentenza **Anthony Muscat vs John J. Camilleri** (AG 28.05.1993) li l-hajt divizorju jsir komuni meta jigi effettivament prattikat l-appogg u per konsegwenza hemm jittiehed [*recte*: jitwieled] id-dritt tas-sid originali li jithallas tal-appogg prattikat, b'dan li dak li jibqa' huwa d-dritt ta' kreditu favur il-persuna li ssubiet l-appogg, li jwassal ghall-konkluzzjonijiet già citati fis-sentenza **Schembri vs Delia** u f'sentenzi ohra fosthom **Joseph Felice vs Anthony Sammut** - (JDC (K) 17.03.1993 - LXXVII.iv.235) u **Carmelo Fenech vs Joseph Oliver Ruggier** (JDC 15.10.1998);

"Illi ghalhekk a bazi tas-sentenzi fuq citati, jidher li l-principju ndikat fis-sentenza citata mis-socjetà attrici fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Busuttil vs Nazzareno Fenech** (P.A.G.M.B. - 19 ta' Dicembru 1989 - Vol LXXIII.iii.889) fejn dik il-Qorti ghamlet distinzjoni bejn dritt ta' appogg, meta dawn jikkomprendu l-prezz li fuqha jkun inbena l-hajt u dritt ta' appogg li ovvjament ma jinkludix tali 'prezz', u fl-ewwel kaz sostniet li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ghaxar (10) snin ibbazata fuq id-dritt ta' accessjoni skond l-artikolu 566 tal-Kap 16, ma giex segwit mis-sentenza fuq citata, u dan peress:

(a) Illi d-dritt ta' appogg ma huwiex bejgh li jinvolvi prezz kif gie ritenut fis-sentenzi 'Schembri vs Delia', 'Mario Aquilina vs Pawlu Seychell' (AG 20.02.1997) u dan l-istatut ta' appogg huwa *sui generis*;

(b) Illi l-artikolu 418 jitkellem biss dwar dak li gie msejjah id-dritt ta' appogg, fejn strettament fid-dritt tal-kumpens <u>uniku</u> kemm ghal kemm jiswa nofs il-hajt u kemm ghall-kemm tiswa nofs l-art li fuqha l-hajt gie mibni. L-artikolu nnifsu ghalhekk ma johrog ebda distinzjoni kif proposta

mis-sentenza fuq citata. Anzi jiddeskrivi d-dritt ta’ appogg b’mod car bil-konsegwenzi kollha tieghu;

(c) Illi l-artikolu 418 tal-Kap 12, huwa derogazzjoni tal-principju stabilit fl-Artikolu 323 tal-Kap 12, u ipprovdiet ukoll fl-istess artikolu li jirreferi ghall-bla hsara ghad-disposizzjonijiet dwar Servitujiet Predjali taht it-Titolu IV tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta’ dan il-Kodici (u l-appogg huwa wiehed minnhom) u ghalhekk ukoll eccezzjoni ghad-dritt ta’ accessjoni skond l-Artikolu 566 tal-Kap 16;

“Illi ghalhekk peress li l-appogg gie prattikat mis-socjetà konvenuta fl-ghar ipotesi qabel Awissu 1992, u l-azzjoni giet presentata fit-2 ta’ Marzu 1998, u l-ittra ufficjali ndikata giet presentata fit-22 ta’ Dicembru 1997, bl-applikazzjoni tat-terminu ta’ preskrizzjoni ta’ hames (5) snin *ai termini* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16, l-azzjoni atrui [*recte*: attrici] tidher li hija preskritta.

“Illi ghalhekk it-tieni eccezzjoni tas-socjetà konvenuta ghandha tigi milqugha.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tas-socjetà attrci illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi s-sentenza hawn fuq imsemmija tat-3 ta’ Ottubru, 2000 tigi revokata, illi t-talbiet tas-socjetà appellanti jigu milqugha u illi l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta appellata jigu michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà konvenuta appellata;

Rat ir-risposta tas-socjetà konvenuta illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi l-appell jigi michud u illi s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn u a skans ta’ ekwivoci, illi ma jirrizultax illi sar appell mis-sentenza *in parte* hawn fuq imsemmija tas-6 ta’ Ottubru, 1999;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tas-socjetà attrici kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
(1) Illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… t-tieni w t-tielet eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta huma kontradittorji, u permezz tat-tielet eccezzjonijiet [*sic*] is-socjetà konvenuta giet ammettiet li ghandha thallas ghall-appogg lis-socjetà attrici w ghaldaqstant kwalunkwe eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ma treggix”;

(2) Illi l-appogg in kwistjoni ma giex pratikat “fl-1991/1992”, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, izda wara l-1994;

(3) Illi l-perijodu preskrittiv gie interrott;

(4) Illi, peress illi mhux kontestat illi l-hajt illi mieghu gie pratikat l-appogg inbena kollu fuq proprjetà tas-socjetà attrici, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik “akkwizitiva ta’ l-ghaxar snin”;

Ikkunsidrat:

Illi, in sostenn ta’ l-ewwel aggravju hawn fuq riportat tas-socjetà attrici appellanti, l-abili difensur ta’ l-istess socjetà, l-Avukat Dottor John Mizzi, ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija minn dina l-Qorti (Sede Inferjuri) fid-disgha u ghoxrin ta’ Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet *Antonia Attard Gialanzé vs Emanuel Rizzo et*. F’din l-ahhar imsemmija kawza - bhal fil-kawza odjerna - il-konvenuti eccepew:
“… illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2148 (b) [fil-kawza odjerna l-artikolu 2156(f)] tal-Kodici Civili, u sussidjarjament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat”;

u fis-sentenza li ghadha kemm saret riferenza ghaliha, dina l-Qorti affermat hekk:
"Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellati li t-tieni eccezzjoni taghhom [simili ghat-tielet eccezzjoni fil-kaz odjern] saret bla pregudizzju, anki hawn hemm insenjament car u cioè illi, (ara wkoll fost ohrajn id-decizjoni *Felice Fenech - vs - Carmelo Bellia* tad-29 ta' Jannar 1960 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili),

"… xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ghall-eccepita preskrizzjoni, in vista tal-principju protestatis [*recte*: protestatio] contra factum non relevat u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni …";

F'sentenza ohra aktar recenti ta' dina l-Qorti diversament komposta moghtija fil-hamsa (5) ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet *Guido J. Vella A. & C.E. vs Dr. Emanuel Cefai LL.D.* intqal hekk:
"L-eccezzjoni tal-appellant illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esagerat u mhux dovut lilu fl-ammont minnu mitlub, hi inkonsistenti mal-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eccezzjoni ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li [hemm] kontestazzjoni tal-quantum;"

Dina l-Qorti taqbel pjenament mal-principju affermat fiz-zewg (2) sentenzi appena citati u, ghalhekk, hija tal-fehma illi l-aggravju in ezami tas-socjetà attrici appellanti huwa fondat u ghandu jigi milqugh;

Ikkunsidrat:

Illi l-akkoljiment ta' l-ewwel (1) aggravju tas-socjetà appellanti igib bhala konsegwenzi r-revoka tas-sentenza appellata u c-cahda tat-tieni (2) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta - jigifieri dik tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici *ai termini* ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 - u dana minghajr il-htiega illi jigu konsidrati u determinati l-aggravji l-ohra tas-socjetà attrici appellanti;

Ikkunsidrat:

Illi jibqa' biss illi jigu determinati t-talba tas-socjetà attrici, avanzata permezz ta' l-att ta' citazzjoni odjern, u t-tielet (3) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta, moghtija permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet hawn fuq riprodotta. Sabiex il-kontendenti ma jigux imcahhda mill-possibiltà tad-*doppio esame* ta' dawn il-materji, huwa xieraq illi l-atti processwali jigu rinvijati lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghat-trattazzjoni u determinazzjoni ta' l-istess materji;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi:

1. tirrevoka s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru, 2000 u tirrespingi t-tieni (2) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta;

2. tirrinvija l-atti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghat-trattazzjoni u determinazzjoni tat-talba attrici fid-dawl tat-tielet (3) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta;

3. tordna illi l-ispejjez, kemm dawk konnessi ma' l-imsemmija sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2000 u kemm dawk ta' din l-istanza, jigu sopportati kollha mis-socjetà konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------